MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-21 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 509/2004

**Lombard Bank Malta p.l.c**

**vs**

**Bianchi Mobili Ltd bhala debitur principali u Anthony u Angela konjugi Bianchi bhala garanti solidali**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici ppremettiet:

L-Bank attur ikkonceda lis-socjeta' konvenuta Bianchi Mobili Ltd facilita' ta' *"overdraft"* u *in forza* ta' din il-facilita' l-imsemmija socjeta' sselfet flus minghand il-Bank attur u ghandha debitu bilancjali komplessiv favur l-istess Bank attur ta' tlettax-il elf hamsa u hamsin Liri Maltin u disghin centezmi (Lm13,055.90) skond *"statement"* hawn anness u mmarkata Dok *"A"* bl-interessi kkalkolati sas-sitta (6) ta'

Lulju, tas-sena elfejn u erbgha (2004) *oltre* l-imghaxijiet ulterjuri mis-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament effettiv;

Permezz ta' skrittura privata datata erbatax (14) ta' April elf disa' mija disgha u disghin (1999) li l-original taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok *"B"* il-konvenuti Anthony u Angela konjugi Bianchi kienu igarantixxew solidalment mas-socjeta' konvenuta l-hlas lura ta' dan id-debitu sa l-ammont ta' hmistax-il elf liri Maltin (Lm15,000) skond kif hemm ahjar deskritt;

Ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment skond kopja legali tal-ittra ufficjali hawn annessa u mmarkata Dok *"C"*, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1) jigu kollha solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lil Bank attur s-somma ta' tlettax-il elf hamsa u hamsin Liri Maltin u disghin centezmi (Lm13,055.90) skond *"statement"* hawn anness u mmarkat Dok *"A"* bl-interessi kkalkolati sas-sitta (6) ta' Lulju, tas-sena elfejn u erbgha (2004) *oltre* l-imghaxijiet ulterjuri mis-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-4 ta' Dicembru, 2003, tal-mandati ta' qbid u sekwestru kawtelatorji ppresentati kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghaxijiet legali mil-7 ta' Lulju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom, u kontra l-konvenuti l-ohra li huma wkoll minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------